**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021;**

**Rikors nru: 253/21 AGV ;**

**AB**
**CD**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt, datat 17 ta' Gunju 2021, fejn iz-zewg partijet, AB u CD , esponew bir-rispett:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-1 ta’ Lulju tas-sena 2017, certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A, fil-Katidral Metropolitan ta’ San Pawl, l-Imdina;

2. Illi minn dan iz-zwieg taghhom, ma twieldux ulied;

3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat l-10 ta’ Jannar 2020, fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli (kuntratt ta’ separazzjoni anness u mmarkat Dok B;

4. Illi l-partijiet iddekadew minn kull dritt ta’ manteniment minghand xulxin, Dok B, klawsola numru 8, u ghaldaqstant m’hemmx arretrati jew manteniment dovuti f’dan ir-rigward;

5. Illi m’hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi minbarra li ilhom iktar minn sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi dan il-fatti hawn fuq imsemmija, jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Illi l-partijiet qeghdin jikkonfermaw il-fatti kontenuti f’dan ir-rikors permezz ta’ zewg affidavits, li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok C u Dok D rispettivament.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex:

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

**DECIDE:**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci**
**Imhallef** | **Dep. Reg.**